MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**NEVILLE CAMILLERI**

Seduta tad-29 ta' Settembru, 2012

Numru 999/2012

**Il-Pulizija**
(Spettur Christopher Pullicino
Spettur Edmond Cuschieri)

**vs.**

**Omissis**
**Ricky Vella**
**Luke Anthony Cauchi**

**Il-Qorti,**

Rat l-imputazzjoni migjuba fil-konfront ta' **Ricky Vella,** ta' wiehed u ghoxrin (21) sena, bin Martin Vella u Lynn Ann Richards, imwieled nhar is-6 ta' Novembru 1991, detentur ta' karta tal-identita' bin-numru 582991M u residenti 112, Triq Napuljun Caruana Dingli, Mellieha u **Luke Anthony Cauchi,** ta' ghoxrin (20) sena, bin Joseph Cauchi u Hilda Fenech, imwieled nhar il-25 ta' Gunju 1992, detentur ta'

karta tal-identita’ bin-numru 313492M, u residenti 190, Triq is-Saghtar, Mellieha, akkuzati talli:

Nhar it-28 ta’ Settembru 2012 ghall-habta tas-7.00 ta’ filghodu gewwa l-lokalita’ ta’ San Pawl il-bahar ikkomettew serq ta’ choker tad-deheb, liema serq hu aggravat bil-vjolenza u bil-valur ta’ aktar minn mitejn u tnejn u tletin euro u erbgha u disghin centezmu (€232.94) izda mhux aktar minn elfejn, tliet mija u disgha u ghoxrin euro u sebgha u tletin centezmu (€2,329.37) liema serq sar ghad-dannu ta’ Ruzarju Briffa u/jew persuna/i ohra.

Rat id-dokumenti esebiti u l-atti processwali kollha.

Semghet lill-imputati jammettu l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u semghethom jikkonfermaw l-ammissjoni taghhom anke wara li l-Qorti taghthom zmien jikkunsidra l-pozizzjoni taghhom.

Semghet lill-Ufficjal Prosekuturi jiddikjaraw illi c-“choker” tad-deheb li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati giet ritornata lil sidha.

**Ikkunsidrat**
Illi l-imputati ammettew l-imputazzjoni migjuba kontra taghhom u din ghalhekk hija sodisfacentement pruvata.

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li ghandha tigi nflitta, il-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom: l-ammissjoni bikrija tal-imputati f’dawn il-proceduri, il-fatt li c-“choker” tad-deheb li ssir riferenza ghaliha fl-imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputati giet ritornata lil sidha, il-fedina penali tal-imputati u kif ukoll il-ko-operazzjoni tal-istess imputati mal-Pulizija.

Ghaldaqstant, il-Qorti, wara li rat Artikoli 261(a), 261(c), 262(1)(b) u 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, fuq ammissjoni, issib liz-zewg imputati Ricky Vella u Luke

Anthony Cauchi hatja tal-imputazzjoni migjuba kontra taghhom izda, billi Hija tal-fehma li fic-cirkostanzi piena karcerarja ma hijiex il-piena idonea u billi jissussistu l-elementi *ai termini* ta' l-Artikolu 7(2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, a tenur ta' l-Artikolu 7(1) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tqieghed liz-zewg imputati Ricky Vella u Luke Anthony Cauchi taht ordni ta' *probation* ghal perijodu ta' tlett (3) snin u sentejn rispettivament mill-llum, liema ordni huwa soggett ghall-kondizzjonijiet elenkati fid-Digrieti moghtija llum stess u annessi ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta l-Qorti fissret lill-imputati Ricky Vella u Luke Anthony Cauchi bi kliem car u li jinftiehem, l-effetti ta' l-ordni ta' *probation* u tal-kondizzjonijiet kollha elenkati fid-Digrieti annessi ma' din is-sentenza u li f'kaz li jonqsu milli jikkonformaw ruhhom ma' dik l-ordni u dawk il-kondizzjonijiet u/jew f'kaz li jaghmlu reat iehor tul it-terminu ta' l-ordni ta' *probation,* jistghu jinghataw sentenza ghar-reati li taghhom nstabu hatja b'din is-sentenza.

*Ai termini* ta' l-Artikolu 7(8) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta, il-Qorti tordna li kopja ta' din is-sentenza u ta' l-ordni ta' *probation* moghtija b'Digrieti ta' llum stess ghandhom jigu trasmessi minnufih lid-Direttur tas-Servizzi ta' Probation sabiex jassenjaw ufficjal/i tal-*probation* biex ikun/u responsabbli ghas-sorveljanza ta' l-imputati Ricky Vella u Luke Anthony Cauchi.

Il-Qorti tordna li *ai termini* ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta l-atti kollha ta' dawn il-proceduri u kopja ta' din is-sentenza jintbaghtu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mil-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------